

# Nofs seklu ta' xogħol ta' dekorazzjoni fil-Kolleġġjata Bażilika tal-Isla (1967 – 2017)

It-tieni parti

minn Mario Caruana

Wara li s-sena l-oħra, fl-ewwel parti ta' dan l-artiklu, rajna dwar xi aspetti mid-dekorazzjoni li saret fil-knisja fl-aħħar 50 sena, f'dan l-artiklu nkomplu nħarsu lejn xi aspetti oħra interessanti.

Qabelxejn nixtieq nirrileva li mal-bidu tal-kitba, ħsibt li flok nagħti sempliċement dati ta' meta saru ix-xogħlijiet partikulari, nagħmel ukoll riferenza għaċ-ċirkostanzi li kienu jkunu madwar dan ix-xogħol. Minkejja li kien ikun eħfef kieku tajt biss lista kronoloġika imma xotta ta' dak li sar, għażilt li nippreżenta dak li sar b'dawn id-dettalji u spjegazzjonijiet, ħalli b'hekk wieħed isir aktar konxju u jifhem u japprezza aħjar ir-raġunament ta' kif ittieħdu d-deċiżjonijiet.

## IL-PITTURA

L-ewwel tentattivi biex issir pittura fl-abside tal-kor, saret mill-Arċipriet Sladden ftit wara l-pussess. Huwa kien avviċina lill-pittur Emvin Cremona li dan, iżda, irrifjuta li jagħmel ix-xogħol għal raġunijiet personali. Aktar tard, ġie avviċinat il-pittur Taljan Mario Caffaro Rore li, ftit qabel, kien pitter il-koppla



*L-abbozz li l-pittur Mario Caffaro Rore kien ħejja għall-abside ċentrali tal-Bażilika.*

tal-katidral tal-Imdina. Dan wera interess imma meta ppreżenta l-abbozzi, kemm għall-abside kif ukoll għas-saqaf tal-kor, u ġew għad-diskussjonijiet, inqalgħet problema tal-finanzi. Ġara li l-istima tal-pittur kif ukoll spejjeż tal-alloġġ kemm idum Malta jaħdem, kienu għoljin wisq għall-mezzi disponibbli. Għalhekk, waqaf kollox. Kien ukoll sar tentattiv ieħor ma' studju tal-arti f'Milan, imma fil-konkret qatt ma sar xejn.

Imbagħad fl-1982, reġgħet bdiet tiġi kkunsidrata li tiġi dekorata l-koppla meta tkun armata biex tinżebagħ. Ġiet saħansitra studjata l-idea li jsiru abbozzi ta' pittura jew dekorazzjoni għall-flieli, u x-xogħol isir tal-mużajak. Tant hu hekk li, bħala prova, saru erba' biċċiet mużajk li tqiegħdu taħt l-orgni. Imma hawn ukoll waqaf kollox minħabba l-ispejjeż.

Għalhekk l-idea reġgħet daret fuq il-pittura u, meta ġew studjati l-valuri tal-artisti disponibbli, l-għażla waqgħet fuq Ġużeppi Briffa li, qabel il-gwerra, kien pitter is-saqaf tal-kor u l-koppla l-ġdida. Għad illi hu kien avvanzat fl-età, aċċetta l-inkarigu, forsi anke b'nitfa sens ta' nostalġija! Fi żmien qasir, ippreżenta l-abbozzi tal-



*Rebakka: waħda miż-żewġ flieli tal-koppla li Ġużeppi Briffa kien laħaq lesta.*



koppla u idea għall-pittura tal-lunetti wkoll. Naturalment hu mexa ħafna fuq dak li kien għamel kważi ħamsin sena qabel. L-abbozzi ġew aċċettati, sar ftehim anke fuq finanzi, u ngħata l-kummissjoni. Għad illi stinka kemm ippermettietlu saħħtu, sa ma marad serjament u kellu jabbanduna l-proġett, hu laħaq lesta biss żewġ pitturi minn tmienja.

Fl-1988, fi żmien l-Arċipriet Cachia, tnieda konkors għall-artisti biex issir il-pittura, li kellha tibda mill-koppla. L-abbozzi sottomessi mill-artisti interessati, ma għaddewx mill-iskrutinju tal-Kummissjoni Arti Sagra tal-Kurja. Fuq parir ta' esperti, ġie individwat u avviċinat il-pittur Frank Portelli. Dan aċċetta l-inkarigu u, wara li ssottometta l-abbozzi li ġew imfaħħra u aċċettati, sar il-ftehim aħħari u ngħata l-kummissjoni. Biex lesta l-koppla, Portelli ħa madwar tliet snin u nofs, u l-pittura ġiet inawgurata fil-21 ta' Marzu 1993.

Kif kien diġà ppjanat, mill-ewwel inbdew preparamaneti ħalli jsir ix-xogħol fil-lunetti ta' taħt il-koppla. Hawn kellha tinħall problema kbira biex isir armar għall-ispazju enormi fuq l-erba' pilastri maġġuri tal-knisja. Meta intrebħet din id-diffikultà, u tpoġġa l-armar neċessarju, sar l-ewwel l-invjar u ż-żebgħa, peress li l-lunetti u ċ-ċinta tal-koppla kienu għadhom ġebel. Inħadem ukoll disinn forma ta' mazzettun biex ġie ffurmat motif fil-friż ta' taħt il-gwarniċun, u saru wkoll ornamenti għall-arkuni. Id-disinn ta' dawn id-dekorazzjonijiet saru wkoll mill-pittur Frank Portelli. Fuq parir tal-esperti, dan ix-xogħol alto riliev sar bil-*fibre*. Ir-raġunijiet kienu illi fiż-żmien tal-lum, dan hu l-materjal modern



*Il-koppla u l-erba' pendenti ta' taħtha, xogħol il-pittur Frank Portelli.*

aċċettabbli bħala adattat għal xogħol bħal dan. Saret imbagħad l-induratura u finalment twaħħlu l-pitturi. Dawn il-lunetti kienu lesti għall-festa 1995.

Appena tlesta dan ix-xogħol, Portelli ntalab jagħmel abbozzi għall-xogħol fil-kor, saqaf, abside u sekond'ordni, bil-ħsieb li, eventwalment, titkompla l-pittura tas-soqfa kollha fuq l-istess linji. Għal xi raġuni, wara li ġew sottomessi u approvati l-abbozzi, l-esekuzzjoni tax-xogħol ħadet ħafna tul ta' żmien. Qabel ma marad serjament u waqaf jaħdem, Portelli laħaq lesta l-pittura tal-abside, li ġiet inawgurata f'Awwissu 2004.



*Ix-xbieha tal-Madonna tiddoma fiċ-ċentru tal-apside ta' Frank Portelli.*

Qabel ngħalaq din il-parti, nirrileva li kemm l-Arċipriet Sladden, kif ukoll l-Arċipriet Cachia, meta ġew biex jaħsbu biex jidħlu għal dan kollu, speċjalment għall-pittura, ħatru mill-bidunett, kummissjonijiet *ad hoc* biex tiddiskuti, tipproġetta u tattwa dawn l-opri. Il-

kummissjoni ta' żmien Sladden kienet iffurmata minn Ġużeppi Baron, Piju Mangion, Charles Mercieca, Mario Caruana u Victor Schiavone. Dik ta' żmien Cachia kellha lill-istess biż-żieda ta' Ġużeppi Zarb u Andrew Cutajar minflok Ġużeppi Baron.

## DEKORAZZJONI TAS-SAQAF U XOGĦOL IEĦOR

Meta fl-1995 tlesta x-xogħol tal-koppla u l-lunetti, ġie maħsub li, sakemm isiru l-preparamenti għall-pittura tal-kor, jitkomplew id-dekorazzjonijiet fl-arkati tas-saqaf, bħal dawk tal-arkuni taħt il-koppla. Waqt li kien qed isir dan ix-xogħol, ittieħdet l-opportunità, u s-soqfa tal-knisja reġgħu inżebgħu. Fil-korsija, dan ix-xogħol tlesta sa Lulju 1996, fi żmien li kienu ser isiru l-festi tal-75 anniversarju tal-Inkurunazzjoni tal-Bambina. Il-kappelluni tlestew fi Frar 1998. Bejn Jannar 2007 u Lulju 2008, sar tisbiħ fil-koppletti tan-navati. Dawn reġgħu nżebgħu u, il-lunetti iżżejnu b'dekorazzjoni ta' wiċċ ta' anġlu u



*Dettall tad-dekorazzjoni tal-arkuni ta' taħt il-koppla.*

motif ta' girlanda tar-rand. Saret ukoll l-induratura fl-anterni, il-gwarniċun u l-arkati ta' dawn il-kuppletti.

F'Ottubru 2009 inbeda xogħol ta' rinnovar totali tad-dekorazzjonijiet fil-Kappella tas-Sagrament. Hawn il-panewijiet, disinji dekorattivi eċċ., li s'issa kienu biss impittra fuq il-ġebla, inħadmu fl-alto riliev. Saret mill-ġdid iż-żebgħa u l-induratura, din id-darba bil-folji tad-deheb, għaliex dik li saret qabel kienet induratura finta. Sar ukoll rinfreskar u alterazzjonijiet żgħar fil-pittura li kienet saret fl-1975.



*Dekorazzjoni fil-pendenti tal-koppletti tan-navati.*

Hawn ta' min jirrimarka li d-dekorazzjoni u l-induratura, sa minn meta sar ix-xogħol tal-lunetti tal-koppla, ġiet dejjem fdata lid-dekoratur John Pace, li kien ukoll responsabbli mill-inkullar tat-tila tal-pittura kollha li saret. Ix-xogħol tal-armar, żebgħa, eċċ., bħal dejjem, sar minn numru kbir ta' voluntiera taħt it-tmexxija għaqlija ta' nies bħal Piju Mangion, Victor Schiavone u oħrajn, li lejhom imorru r-ringrazzjamenti tagħna. Fix-xogħol manwali taż-żebgħa ta' min isemmi li, għal żmien twil, ħadmu qatigħ voluntiera bħal Ġużeppi Zarb, Salvu Portelli u Alfred Lia. Jista' jingħad li bejniethom, dawn invjaw u żebgħu l-knisja kollha.

Fil-bidu tal-2016, waqt li kien qed isir xogħol ta' manutenzjoni u żebgħa fin-navati, inkixfet skultura f'għadd ta' pilastri fil-parti l-antika tal-knisja. Din l-iskultura probabbilment tmur lura għas-snin tan-nofs tas-seklu sbatax, żmien li fih bosta knejjes



ewlenin f'Malta kienu qed jagħmlu dan it-tip ta' dekorazzjoni minn skulturi bħal Mikiel Casanova (bużnannu ta' Francesco Zahra), Pietru Burlo u Xmun Xara, skalpellini Sengleani. Din l-iskultura, li ġiet kompletament restawrata matul is-snin 2016-2017, tixhed kemm anke fl-imgħoddi imbiegħed, din il-knisja kienet iddekorata u mogħnija b'opri klassiċi skont id-drawwiet tal-epoka.



### GĦELUQ

Din il-kitba li fiha fittixt li nuri kif il-fiżonomija tal-Bażilika inbidlet bħal-lejl min-nhar f'dawn l-aħħar 50 sena, għandha isservina biex inħossuna fid-dmir li nuru r-rikonoxximent tagħna lejn kull min mexxa din il-parroċċa f'dan il-perjodu, u kien strumentali biex dan ix-xogħol seta' jsir. Għandna wkoll nagħtu ħajr qawwi u mill-qalb lill-voluntiera u dilettanti li taw kulma setgħu, ħafna drabi b'sagrifiċċju kbir personali, biex dan il-volum kbir ta' xogħol seta' jsir. Din il-kitba trid twassal ukoll biex napprezzaw it-talenti kbar tal-artisti li ħadmu d-diversi opri li rajna dwarhom. Niżżu ħajr b'qalbna kollha lil tant u tant benefatturi li, mingħajr is-sostenn finanzjarju tagħhom, ħafna minn dak li sar kien ikun impossibbli li jsir.

Imma fuq kollox, filwaqt li napprezzaw dawn l-opri u ġustament niftaħru wkoll bid-dehra grandjuża tal-bażilika tagħna, għandna inżommu dejjem quddiem għajnejna illi kull knisja hija qabelxejn id-dar tat-talb, fejn ninġabru bħala komunità biex inqimu lil Alla tagħna, waqt li nroddu ħajr ta' kulma jagħmel magħna. Mas-salmista għandna ngħollu l-leħen tagħna lejn il-Missier u ngħidu: "Hekk fil-Maqdes tiegħek jien ġejt inżurek, biex nara s-setgħa tiegħek, u s-sebħ tiegħek." (Salm 63, 3) Għaldaqstant, għandna dejjem nersqu lejn il-knisja, b'sens qawwi ta' qima, rispett u devozzjoni lejn Alla l-Imbierek, u lejn il-Patruna tagħna Ommna Marija Bambina, li lilha missirijietna ddedikaw dan it-tempju maestuż.

*Skultura f'wieħed mill-pilastri tal-parti l-antika tal-knisja.*